

**Dispożittiv**

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 128, 12.4.2021.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Lulju 2021 – Puigdemont i Casamajó et vs Il-Parlament**

(Kawża T-272/21 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Privileġġi u immunitajiet – Tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza”)*

(2021/C 412/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Carles Puigdemont i Casamajó (Waterloo, il-Belġju), Antoni Comín i Oliveres (Louvain, il-Belġju), Clara Ponsatí i Obiols (Louvain) (rappreżentanti: P. Baekaert, G. Boye, J. Costa i Rosselló u S. Bekaert. avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Lorenz., N. Görlitz u T. Lukácsi, aġenti)

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: S. Centeno Huerta, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew P9\_TA(2021)0059, P9\_TA(2021)0060 u P9\_TA(2021)0061 tad-9 Marzu 2021 fuq it-talba ta' tneħħija tal-immunità tar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) Id-digriet tat-2 ta' Ġunju 2021, Puigdemont i Casamajó et vs Il-Parlament (T-272/21 R) huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż tal-partijiet prinċipali huma rriżervati.
- 4) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2021 – UBS Group u UBS vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-441/21)

(2021/C 412/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* UBS Group AG (Zürich, l-Isvizzera), UBS AG (Zürich) (rappreżentanti: D. Wood u I. Ioannidis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat, u tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2021 C(2021) 3489 finali dwar proċediment skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (AT.40324 – Bonds tal-Gvernijiet Ewropej); jew, sussidjarjament, tnaqqas l-ammont tal-multa għal EUR 51,3 miljun skont il-metodoloġija nnegozzjata tal-valur nett tal-UBS; jew tnaqqasha għal EUR 60,6 miljun skont il-metodoloġija nnegozzjata tal-valur nett tal-UBS; jew tnaqqas il-multa għall-inqas bi 65 % bħala konsegwenza tal-iżbalji u ineżattezzi identifikati fil-metodoloġija tal-Kummissjoni; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għall-ispejjeż ta' UBS.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvolkaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tapplika r-regoli tal-Unjoni Ewropea applikabbli ġeneralment għal kalkolu tal-fatturat tal-istituzzjonijiet finanzjarji, biex b'hekk tikser il-prinċipji ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament u l-aspettattivi leġittimi.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni telqet b'mod żbaljat mil-Linji Gwida dwar il-Multi<sup>(1)</sup> b'mod li kien kemm arbitrarju kif ukoll spjegat b'mod insuffiċjenti, bi ksur tal-ġurisprudenza rilevanti u tad-drittijiet tad-difiża tal-UBS.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi raġunament suffiċjenti insostenn tal-għażla tagħha ta' metodoloġija.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tuża l-aħjar ċifri disponibbli fil-kalkolu tal-valur tal-bejgħ ta' UBS.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni applikat il-metodoloġija tagħha stess b'mod li kien materjalment difettuż, u huwa vvizzjat b'numru ta' ineżattezzi u żbalji li rriżultaw fl-impożizzjoni ta' multa għolja disproporzjalment fuq UBS.

<sup>(1)</sup> Linji Gwida dwar il-metodu tal-istabbiliment ta' multi skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, ĠU 2006, C 210, p. 2.

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2021 – Thomas u Julien vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-442/21)**

(2021/C 412/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Rhiannon Thomas (Londra, ir-Renju Unit), Michaël Julien (Weybridge, ir-Renju Unit) (rappreżentant: J. Fouchet, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Ftehim dwar il-Kummerċ iffirmat fit-30 ta' Diċembru 2020 mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern Brittaniku u d-Deċiżjoni 2021/689 għall-iffirmar ta' dan il-ftehim meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' April 2021, sa fejn dawn japprovaw l-Artikolu Comprov16 u sa fejn ma jżommux fis-seħħ il-moviment liberu tal-Brittaniċi li għandhom rabtiet ta' familja u ta' patrimonju stretti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea b'applikazzjoni tal-Artikolu VSTV 1;
- tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha tal-proċedura, inklużi l-ispejjeż ta' avukat li jammontaw għal EUR 5 000.